V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11297 – KKR / INFRACAPITAL / ZENOBE ENERGY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 337/05)

1. Fil-15 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KKR & Co. Inc. ("KKR & Co.", l-Istati Uniti tal-Amerka, u flimkien mas-sussidjarji tagħha, "KKR"),

— Infracapital Greenfield Partners II SCSp u Infracapital Greenfield Partners II SCSpA (flimkien "Infracapital", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn M&G Alternatives Investment Management Limited ("MGAIM", ir-Renju Unit),

— Zenobe Energy Limited (il-"Kumpanija fil-Mira", ir-Renju Unit), bħalissa kkontrollata minn Infracapital.

KKR & Co. u Infracapital se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Kumpanija fil-Mira.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— KKR hija ditta tal-investiment globali li toffri ġestjoni alternattiva tal-assi kif ukoll swieq kapitali u soluzzjonijiet tal-assikurazzjoni.

— Infracapital hija ditta Ewropea tal-investiment fl-infrastruttura.

— Il-Kumpanija fil-Mira tipprovdi soluzzjonijiet minn tarf sa tarf għall-elettrifikazzjoni tal-flotta, inklużi l-infrastruttura tal-iċċarġjar, il-bdil tal-batteriji u s-soluzzjonijiet tas-software. Barra minn hekk, il-Kumpanija fil-Mira tiddisinja, tiffinanzja, tibni u tħaddem sistemi għall-ħażna tal-enerġija tal-batteriji u l-batteriji għal skopijiet mill-ġdid.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11297 – KKR / INFRACAPITAL / ZENOBE ENERGY

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE / BELGIË